MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## ROBERT G MANGION

Seduta tal-21 ta' Marzu, 2013

Citazzjoni Numru. 46/2011

**A B**
**vs**
**C B**

**Il-Qorti,**

**Preambolu.**

Rat ir-rikors guramentat tal-attur A B li permezz tieghu ippremetta u talab is-segwenti:

1. Illi l-partijiet l-partijiet ikkuntrattaw zwieg bejniethom fil-5 ta' Gunju tas-sena elf disa' mija u tmenin (1980), minn liema zwieg kellhom hamest itfal ilkoll ahwa B, senjatament Maria Fiorella li llum ghandha tletin sena (30), Maria li llum ghandha sitta u ghoxrin sena (26), Stephanie u Christine, tewmin li llum ghandhom wiehed u ghoxrin sena (21) rispettivament, u A li llum ghandu

dsatax-il sena (19), u b'hekk allura llum huma lkoll maggorenni;

2. Illi l-partijiet huma legalment separati ai termini ta' sentenza moghtija minn din l-Onorabbli Qorti kif diversament presjeduta u datata 27 ta' Jannar, 2005 liema sentenza giet sussegwentement konfermata mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell permezz ta' sentenza datata 27 ta' Jannar, 2006;

3. Illi permezz tas-sentenza hawn fuq citata u ta' l-eventwali konferma ta' l-istess, ir-rikorrenti gie ordnat ihallas is-somma ta' ghoxrin Lira Maltin (Lm20) ekwivalenti ghal sitta u erbghin Ewro u tmienja u hamsin ewro centezmu (€46.58) bhala pagament mensili ghall-manteniment ta' martu;

4. Illi minn meta nghatat tali ordni ghall-hlas tal-manteniment sa llum ic-cirkostanzi tal-partijiet inbidlu tant illi l-intimata ghandha impjieg regolari b'introjtu fiss mill-impjieg taghha ta' sales representative mas-socjeta' privata fil-Marsa u dan oltre l-fatt illi hija tgawdi l-uzu ta' karozza u fuel moghtija lilha mill-istess socjeta';

5. Illi r-rikorrenti qieghed isoffri pregudizzju konsiderevoli ghaliex apparti l-ispejjez li jinkorri sabiex jghix hu, qieghed ukoll jinkorri spiza sabiex ihallas il-manteniment ghal martu li del resto ghandha l-introjtu taghha u certament illi m’hijiex tiddependi fuq il-hlas tal-manteniment ghall-ghixien taghha;

6. Illi dan il-kaz gie debitament riferut ghall-medjazzoni izda tali medjazzjoni baqghet ma sehhitx u ghalhekk din l-Onorabbli Qorti b'digriet datat 9 ta' Dicembru, 2010, li vera kopja tieghu qed tigi hawn annessa u mmarkata bhala 'Dok, JC. 3', ddikjarat il-medjazzjoni maghluqa u awtorizzat lill-partijiet sabiex jipprocedu b'kawza ghal separazzjoni legali fit-termini mposti mil-ligi;

7. Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza;

8. Illi r-rikorrenti jaf b'dawn il-fatti personalment.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi l-esponenti jitlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Tikkonferma s-separazzjoni personali ta' bejn il-kontendenti;

2. Tikkonferma illi in segwitu ghal tali separazzjoni sehh tibdil fl-mezzi tal-istesskontendenti ai termini ta' l-artikolu 54(9} tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Tordna c-cessjoni ta' l-obbligu da parti tar-rikorrenti illi jissomministra lill-konvenuta r-retta alimentari li huwa tenut li jissomministra ai termini tas-sentenza li permezz taghha giet ippronunzjata s-separazzjoni personali ta' bejn il-kontendenti;

4. Tinnomina Nutar sabiex jippubblika l-att ta' varjazzjoni tal-kuntratt fuq imsemmi u dan ai termini ta' dak illi jigi ordnat minn din l-Onorabbli Qorti in virtu tat-talbiet de quo u tinnomina kuraturi sabiex jidhru fuq dan l-att fl-eventwali kontumacja tal-konvenuta;

5. Bl-ispejjez kontra l-konvenuta li minn issa hija ngunta ghas-subizzjoni.

u dan taht dawk il-provvedimenti li din I-Onorabbli Qorti jidrilha xierqa u opportuni.

Rat il-lista ta’ dokumenti u l-lista tax-xhieda tal-attur

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuta C B li permezz taghha eccepiet illi t-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu michuda fil-fatt u fid-dritt u dan peress li kif ser jirrizulta waqt is-smiegh ta' dana r-rikors guramentat, ic-cirkostanzi finanzjarji tal-eccipjenti ma nbidlux b'mod illi jimmeritaw li jkun hemm varjazzjoni fis-sentenza ta' bejn il-partijiet fl-ismijiet inversi numru 358/98RCP deciza mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) fis-27 ta' Jannar 2006;

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenuta.

Rat l-affidavit tal-attur (fol.45)

Rat l-affidavit tal-konvenuta (fol 52).

Rat affidavit iehor tal-attur (fol. 57).

Rat ix-xhieda u l-provi l-ohra kollha.

Rat in-nota ta' osservazzjonijiet tal-attur (fol.107).

Rat l-atti kollha.

Rat illi fis-seduta tal-24 ta' Jannar 2013 il-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza.

Ikkonsidrat;

**L-Azzjoni.**

Permezz tal-kawza odjerna l-attur qed jitlob li l-Qorti tordna t-terminazzjoni tal-obbligu tal-attur li jhallas lill-konvenuta manteniment li kien gie ordnat b'sentenza precedenti ta' din il-Qorti konfermata mill-Onorabbli Qorti tal-Appell peress li jikkontendi li c-cirkostanzi inbidlu fis-sens li mill-imsemmija sentenza 'l hawn id-dhul tal-attur naqas drastikament filwaqt li l-konvenuta ghandha impieg *full-time.*

Min-naha taghha l-konvenuta qed topponi ghal din it-talba ghaliex tikkontendi li c-cirkostanzi finanzjarji taghha ma nbidlux b'mod li jimmeritaw li jkun hemm varjazzjoni.

**Il-Fatti.**

Jirrizulta mill-atti illi fil-proceduri gudizzjarji precedenti wahda mill-kontestazzjonijiet principali ta' bejn il-partijiet kienet jekk l-attur ghandux ihallas manteniment lill-martu. L-Ewwel Onorabbli Qorti f'dik il-kawza kienet qalet hekk f'dan ir-rigward:

"Illi dwar manteniment jirrizulta li l-konvenut jahdem ghar-rasu jbajjad u jirrizulta li dejjem kellu introjtu tajjeb kif jirrizulta anke rnir-rizultanzi tad-digriet ta' din il-Qorti kif diversament presjeduta. Din il-Qorti thoss li ma hijiex veritiera l-allegazzjoni tal-konvenut li huwa kien jaqla' Lm80 u Lm100 biss fil-gimgha, anzi din il-Qorti thoss li l-istess konvenut jaqla' ferm iktar, u dan minkejja li l-istess konvenut ghamel minn kollox f'din il-kawza sabiex ma jurix verament kemm jaqla'; huwa stess ammetta li mhux dejjem johrog ricevuti fiskali u wkoll xehed quddiem din il-Qorti diversament presjeduta li kien jaqla' Lm200 fil-gimgha, u dan kemm fl-atti tar-rikors pendente lite u kif ukoll fis-seduta tat-28 ta' April 2003 quddiem l-Assistenta Gudizzjarja. Illi jirrizulta wkoll li l-istess attrici kienet taghmel xi xoghol part-time li l-introjtu taghha jinsab indikat anke fid-digrieti fuq indikati ta' din il-Qorti diversament presjeduta, u wkoll li d-dar matrimonjali nbieghet u l-partijiet ftehmu dwar ir-rikavat ta' l-istess u ghalhekk din il-Qorti thoss li ghandu jibqa' japplika r-rata ta' manteniment attwali ta' Lm54 fil-gimgha, kwantu ghal Lm20 ghall-attrici u kwantu ghal Lm34 fil-gimgha ghall-minuri ulied il-kontendenti, b'dan li l-istess pagament tal-manteniment ghandu jsir kull gimgha bil-quddiem fir-residenza ta' l-attrici."

Minn tali sentenza l-attur kien intavola appell li kien gie michud mill-Onorabbli Qorti tal-Appell b'sentenza tas-27 ta' Jannar 2006 li kienet ikkonfermat il-kundanna ta' A B sabiex ihallas lill-martu manteniment mensili ta' ghoxrin Lira Maltin (Lm20) ekwivalenti llum ghal sitta u erbghin ewro u tmienja u hamsin centezmu (Euros 46.48) apparti l-manteniment fl-interess tal-minuri li llum m'ghadux jithallas stante li m'ghadhomx minuri.

L-attur xehed li xi ftit taz-zmien wara li spiccat il-kawza huwa kellu incident fuq il-post tax-xoghol:

"Kont weggajt sieqi b'mod serju tant illi sfajt operat u ghamilt sena shiha nuza l-krozzi ghaliex kelli l-pins go saqajja. Konsegwenza ta' dan l-incident spiccajt minghajr impjieg u allura minghajr introjtu. Minn dak iz-zmien 'l

hawn jien bdejt nirregistra ghax-xoghol u l-uniku introjtu li ghandi huwa l-penzjoni ta' l-invalidi ta' li tammonta biss ghal circa hdax (11)-il Ewro fix-xahar. Spiccajt qieghed f'sitwazzjoni ekonomika pjuttost ristretta pero' minhabba d-dizabilita' li soffrejt qieghed insibha ferm difficli illi nsib impjieg iehor."

Huwa xehed ukoll li d-dhul tal-konvenuta zdied peress li llum il-gurnata tahdem *full-time* mentri fiz-zmien il-kawza l-ohra kienet impjegata *part-time.*

Il-konvenuta tikkontesta l-allegazzjoni tal-attur li huwa waqaf jahdem.  Tghid hekk fix-xhieda taghha:

"Illi bhala flus is-sitwazzjoni ta' zewgi minn meta sseparajna ma' nbidlet xejn u dan peress li zewgi xoghlu huwa li jwahhal u jpoggi l-madum u ghalhekk huwa difficli hafna li wiehed jassigura li huwa verament ma' hux qed ikollu dhul ghaliex skont huwa jinsab 'boarded out'."

L-attrici spjegat li l-attur ilu jallega li ma jiflahx jahdem minn zmien l-ewwel kawza u tikkontendi li hija taf li l-attur ghadu jahdem.  "Dan nghidu ukoll ghaliex huwa ghandu van Toyota u din il-vettura naraha f'hafna postijiet mghobbija bl-ghodda tax-xoghol tieghu. Illi ghalhekk ninsab altru milli certa li zewgi ghandu qed jahdem u li dan kollu qed jaghmlu sempliciment ghal pika ghaliex hu anqas l-LM20 fil-gimgha ma' jrid jaghtini. Illi inoltre minkejja li uliedi kollha tal-eta' huma kollha baqghu id-dar mieghi u ghalhekk wiehed jifhem illi jiena xorta wahda ghadni qed inhallas l-ispejjez biex jghixu id-dar. Jiena nghid li jiena fid-dmir li nipprovdi ghal uliedu specjalment meta huma ma' kellhornx fortuna ma' missierhom."

In kontro-ezami l-konvenuta xhedet hekk:

"B'referenza ghad-dokument tal-ETC tal-ahhar seduta u cjoe Employment history. Jien bdejt nahdem *part-time* waqt is-separazzjoni. Kont nahdem ma' Salamander Cleaning u wara ma' S-Trek Ltd. Ma' Salamander bil-ktieb tax-xoghol. Meta kont nahdem ma V J Salomone kelli karozza tal- kumpanija u kont *full-time*. Kelli paga u

*commission* u spejjez tal-karozza ghall-kumpanija. Ma' Charles Degiorgio li ghadni impjegata sa llum ghandi karozza tal-kumpanija imhallsa bl-ispejjez mill-kumpanija u dejjem mieghi anke fil-weekend, ghandi salarju u commission. Tlaqt minn Salomone ghax kelli hassles minhabba Ninea u kont nasal id-dar ghajjiena anke issa nghejja. Il-commission bil- 1 % u paga minimum wage plus commission fix-xahar b'kollox gieli naqla' €950 jew €1,000 netti wara taxxa u bolla pero aktar €980 u jien ma nistax nghix."

F'affidavit iehor li pprezenta l-attur (fol.57) jghid illi huwa jircevi l-ekwivalenti ta' Lm5 fil-gimgha bhala *disability allowance* stante li b'rizultat tal-incident fuq imsemmi huwa sofra dizabilita' permanenti ta' tlieta fil-mija (3%).

Fis-seduta tas-26 ta' Ottubru 2010 (fol 70) l-attur xehed illi huwa m'ghandux investimenti la f'Malta u lanqas barra minn Malta.

Il-konvenuta resqet bhala xhud lil Sergio Sciberras (fol. 75), ir-ragel ta' oht il-konvenuta, li spjega li ghalkemm hu u martu ma dahlux fil-kwistjonijiet tas-separazzjoni ta' bejn il-partijiet kien hemm diversi okkazzjonijiet fejn taw l-ghajnuna finanzjarja lill-konvenuta u sahansitra kienu zammew lill-konvenuta u lil hames uliedha ghal madwar sena fid-dar taghhom.

Ikkunsidrat;

L-attur qed isejjes il-kawza minnu intavolata fuq l-artikolu 54 (9) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta li jipprovdi illi:

" Meta jkun hemm tibdil li jiġri wara fil-mezzi tal-parti responsabbli għall-manteniment jew il-bżonnijiet tal-parti l-oħra, il-qorti tista', fuq it-talba ta' kull waħda mill-partijiet, tordna li dak il-manteniment jinbidel jew jitwaqqaf skont il-każ. Iżda, meta tkun tħallset somma globali jew tkun ingħatat proprjetà b'sodisfazzjon totali tal-obbligu ta' parti li tħallas manteniment lill-parti l-oħra, ir-responsabbiltà kollha tal-ewwel parti għall-manteniment tat-tieni parti tieqaf. Iżda meta s-somma globali tkun tħallset jew il-

proprjetà tkun ingħatat bħala parti biss mill-imsemmi obbligu, il-qorti għandha, meta tordna l-ħlas tas-somma globali jew l-għoti tal-proprjetà, fl-istess ħin tistabbilixxi l-parti tal-manteniment li tkun hekk sodisfatta u kull tibdil li jiġri wara għandu f'dan il-każ ikun japplika biss għal dik il-parti li ma tkunx sodisfatta u fl-istess proporzjon għaliha."

L-attur fl-ewwel lok isostni illi minn meta inghatat is-sentenza li permezz taghha gie kkundannat ihallas manteniment id-dhul tieghu naqas drastikament.

L-attur isostni li meta inghatat is-sentenza huwa kellu impieg li tilef ftit zmien wara s-sentenza b'konsegwenza ta' incident li sofra fuq il-post tax-xoghol.   Huwa jghid li minn dak iz-zmien beda jirregistgra u li hekk ghadu jaghmel sa llum u li l-unika introjtu li ghandu huwa ta' hdax-il ewro fix-xahar.  Huwa jkompli jghid li minhabba d-dizabilita' li sofra qed isibha difficli li jsib impieg.

Minn ezami tas-sentenza tas-27 ta' Jannar 2005 jirrizulta li qabel l-allegat incident l-attur mhux impjegat kien izda kien jahdem ghal rasu bhala bajjad.   Il-Qorti fliet sew il-provi akkwiziti fil-kawza odjerna u waslet ghall-konkluzzjoni illi l-attur ma rnexxilux jipprova dak minnu allegat.  Jsostni l-attur li konsegwenza ta' incident li sofra huwa spicca bla xoghol.  Ma ressaq l-ebda prova dwar dan l-allegat incident u dwar id-dizabilita' li allegatament sofra b'konsegwenza tal-istess.  L-unika hjiel li jaghti l-attur huwa fit-tieni affidavit tieghu meta xhed li sofra dizabilita' permanenti ta' tlieta fil-mija (3%).   Ma ressaq l-ebda prova li ilu jirregistra madwar seba' snin kif qed jallega.  Huwa mistenni li meta wiehed ikun qed jirregistra jigi lilu offert xoghol.  L-attur naqas milli jressaq bhala xhud lid-Direttur tas-Sigurta' Socjali li suppost skont l-attur ghamel l-investigazzjonijiet necessarji dwar il-fakoltajiet lavorativi tal-attur.  Dan fil-fehma tal-Qorti ma kienx bi zvista.  L-attur mill-ewwel ma kienx behsiebu jtella provi f'dan ir-rigward tant li d-Direttur tas-Sigurta' Socjali, li suppost skont l-attur qed jipprovdilu l-unika dhul tieghu, lanqas biss gie indikat fil-lista tax-xhieda tieghu.

Jallega l-attur li sofra dizabilita' permanenti ta' tlieta fil-mija li qed timpedih milli jsib xoghol. Anke f'dan ir-rigward, meta suppost dan kollu sehh qabel giet intavolata l-kawza odjerna, mhux biss l-attur ma tella l-ebda prova ta' natura medika, talli lanqas biss indika bhala xhud lit-tabib li ikkurah u lanqas l-isptar fejn sarulu l-interventi kirurgici.

Dan kollu jwassal lil din il-Qorti tikkonkludi illi f'dawn il-proceduri l-attur kien xhieh mal-verita'. Hija l-fehma ta' din il-Qorti illi l-attur ma hux qed jghid il-verita' meta jallega li mhux qed jahdem. Tenut kont li fiz-zmien li inghatat is-sentenza dwar il-manteniment l-attur kien jahdem ghar-rasu bhala bajjad kien fid-dover tieghu li jressaq provi li ma setghax ikompli jahdem ta' bajjad u mhux semplicement allegazzjoni mhux korroborata li sofra dizabilita' permanenti ta' tlieta fil-mija. Anke *dato non concesso* li l-attur ressaq provi sodisfacenti li sofra tali dizabilita', hija l-fehma tal-Qorti illi dizabilita' ta' 3% ma twassalx li persuna titlef il-kapacita' lavorativa taghha. L-attur jghid li ilu snin jirregistra ghax-xoghol. Appena huwa necessarju jinghad li l-fatt li wiehed ikun qed jirregistra ghax-xoghol ma hijiex l-aqwa prova li wiehed mhux qed jahdem.

Dwar jekk kienx hemm kambjament fil-bzonnijiet tal-konvenuta l-attur jikkontendi illi gjaladarba il-konvenuta bidlet l-impieg taghha minn wiehed *part-time* ghal wiehed *full-time*, allura hija ghandha mezzi bizzejjed biex tmantni lilha nnifisiha u ghalhekk l-obbligu tieghu li jmanti lill-martu ghandu jigi terminat.

Jirrizulta li meta l-Qorti fis-sentenza taghha tas-27 ta' Jannar 2005 fil-kawza fl-ismijiet inversi ordnat lill-attur ihallas lill-konvenuta manteniment, il-konvenuta, allura attrici f'dik il-kawza, kienet diga' qed tahdem. Jirrizulta wkoll li l-konvenuta bidlet l-impieg taghha u kellha zieda fis-salarju ghaliex bdiet tahdem *full-time* u mhux aktar *part-time*. Il-Qorti fis-sentenza taghha kienet diga' hadet in konsiderazzjoni li l-konvenuta kienet qed tippercepixxi salarju. Rilevanti wkoll jigi konstatat min kien gie dikjarat hati ghat-tkissir taz-zwieg ta' bejn il-partijiet fis-sentenza li

ordnat lill-attur ihallas manteniment lill-martu Dan ghaliex l-artikolu 54 sub-inciz 1 tal-Kapitolu 16 jipprovdi illi:

“Il-parti li kontra tagħha tinqata l-firda mhix meħlusa, minħabba dik il-firda, mill-obbligu tal-manteniment tal-parti l-oħra, meta dan il-manteniment ikollu jinghata skont id-disposizzjonijiet tas-Sub-titolu I ta’ dan it-Titolu.”

Il-fatt li fil-kawza tas-separazzjoni l-attur kien gie dikjarat mill-Qorti bhala unikament responsabbli ghat-tkissir taz-zwieg ghandu konsegwenzi anke f’dak li jirrigwarda l-manteniment dovut minnu lill-martu.

L-argument tal-attur huwa illi gialadarba l-konvenuta llum il-gurnata ghandha impieg *full-time* li jiprovdilha dhul, allura l-obbligu tieghu li jhallasha l-manteniment precedentement ordnat mill-Qorti ghandu jigi terminat. Fil-fehma tal-Qorti din ma hijiex il-posizzjoni *ex lege.*

L-artikolu 54 (e) tal-Kapitolu 16 jipprovdi illi meta Qorti tigi biex tiddeciedi talba ghall-manteniment, u allura anke talba ghat-terminazzjoni jew riduzzjoni ta’ manteniment gia’ stabbilit, il-Qorti ghandha tiehu in konsiderazzjoni fost affarijiet ohra:

“jekk il-ħila tal-parti li jkun dovut lilha l-manteniment illi tagħmel qligħ ta’ kull xorta ġietx imnaqqsa għaliex dik il-parti tkun, matul iż-żwieġ, ħadet ħsieb id-dar, il-parti l-oħra u t-trobbija tat-tfal taż-żwieġ;”

Il-partijiet kellhom hamest itfal. Fl-affidavit taghha l-konvenuta tispjega li meta inghatat is-sentenza tas-separazzjoni it-tfal kienu ghadhom kollha minorenni. Tghid hekk: “… jiena rabbejthom wahdi bil-manteniment mizeru li jiena kont nithallas ta’ Lm45 fil-gimgha ghal hamest itfal kif ghidt.” (fol. 53). Jirrizulta ghalhekk illi filwaqt li l-attur kien misjub unikament responsabbli ghat-tkissir taz-zwieg, il-konvenuta sfat bil-piz fuqha li trabbi hamest itfal minuri wahedha hlief ghall-manteniment li l-attur kien kundannat li jhallas.

Hija ghalhekk il-fehma ta' din il-Qorti illi tenut kont tal-konsiderazzjonijiet kollha fuq maghmula l-obbligu tal-attur li jhallas il-manteniment lill-konvenuta kif stabbilit b'sentenza precedenti m'ghandux jigi terminat jew ridott.

**Decide**.

Ghal dawn ir-ragunijiet, din il-Qorti, prevja li tilqa' l-ewwel talba u tikkonferma s-separazzjoni personali ta' bejn il-partijiet, tilqa' l-eccezjoni tal-konvenuta, u tichad it-talbiet attrici l-ohra kollha.

Bl-ispejjez kontra l-attur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------